**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 414 tal-25 ta' Novembru 2025 dwar żgwidar tal-Kamra minn Membri Parlamentari**

Fis-Seduta 412 tal-24 ta' Novembru 2025, il-Ministru Julia Farrugia talbet lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Sur President, xtaqt bil-ġentilezza kollha tiegħek nagħmel referenza għas-seduta ta' dalgħodu, fejn konna qegħdin niddiskutu f'din il-Kamra l-baġit allokat għas-settur tal-volontarjat u s-settur tad-diżabilità. Jien dalgħodu għedt li l-Oppożizzjoni ma kellha l-ebda sottomissjoni x'tagħmel matul il-konsultazzjoni pubblika. Dalgħodu, l-Onor. Graziella Galea għamlet point of order fejn qalet li mhux veru. Qalet li l-Oppożizzjoni daħħlet is-sottomissjoni tagħha. Nemmen li l-Kamra ġiet żvijata. Is-sottomissjonijiet kienu qegħdin jintlaqgħu fuq is-sit uffiċjali tal-konsultazzjonijiet pubbliċi sal-25 ta' April 2025. Erġajt għamilt il-verifiki tiegħi mat-tim kollu. Gidba. Ma daħlet l-ebda sottomissjoni. Meta dalgħodu staqsejt, qaluli li uffiċjalment ma daħlet l-ebda sottomissjoni. Is-CEO kkonferma li tliet ġimgħat wara li għalqet din il-konsultazzjoni pubblika l-Oppożizzjoni stenbħet u l-Onor. Galea bagħtet email personali liċ-Chairperson Gertrude Buttigieg. Biex il-fatti jibqgħu fatti."

Is-Sedja talbet lill-Ministru Julia Farrugia:

> "**L-ISPEAKER:** X'inhi t-talba jekk jogħġbok?",

u l-Onor. Julia Farrugia wieġbet:

> "**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Il-Kamra ġiet żvijata meta qalet li l-Oppożizzjoni daħħlet kummenti uffiċjali fil-public consultation li kien hemm."

Hawnhekk l-Onor. David Agius qal hekk:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, jekk trid ukoll nista' ngħaddilek dak li għamlet l-Onor. Graziella Galea, għax tlabthielha jien ukoll. Iva, hemm email lis-Sinjura Buttigieg bħala Chairperson datata 14 ta' Mejju. Hawn il-kummenti min-naħa tal-Oppożizzjoni għal dan."

Is-Sedja wieġbet:

> "**L-ISPEAKER:** Għaddili kollox, issa nara jien".

Fis-Seduta 411 li saret filgħodu fl-istess ġurnata tal-24 ta' Novembru 2025, il-Ministru Julia Farrugia kienet qalet hekk:

> "**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Jiġu f'din il-Kamra juru li taparsi taħraqhom qalbhom għall-volontarjat. Tafu kemm jinteressahom u taħraqhom qalbhom għall-volontarjat? Kellna f'dan il-pajjiż konsultazzjoni pubblika fuq l-istrateġija nazzjonali għall-volontarjat, u l-Oppożizzjoni u l-Partit Nazzjonalista lanqas issottomettew feedback wieħed li huwa wieħed, biċċa sentenza fuq il-volontarjat. Dan huwa l-Partit Nazzjonalista dwar il-volontarjat."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Skużani Ministru. L-Onor. Graziella Galea point of order."

Il-point of order tal-Onor. Graziella Galea kien hekk:

> "**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, jekk qed tirreferi għall-istrateġija nazzjonali, fil-fatt min-naħa tagħna konna ssottomettejna l-kummenti wkoll dwar il-proposti li kienu qegħdin isiru."

Hawnhekk iċ-Chairperson li kien qed jippresiedi qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Dak kien point of clarification",

imbagħad il-Ministru Julia Farrugia qalet hekk:

> "**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitkellmu imbagħad f'ħin ieħor dwar is-sottomissjonijiet. Ħa nerġgħu lura għas-settur tal-volontarjat."

Irid jingħad minnufih illi l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta, jitkellem ċar dwar ir-responsabbiltà tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari u fil-partita 4 tal-istess Skeda, dwar "Prinċipji Ġenerali", jingħad hekk:

> "4.3 Konsegwentement il-Ministri [u ovvjament anke s-Segretarji Parlamentari] għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta' ħsieb.
>
> 4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali."

Dan ma japplikax għall-Membri Parlamentari skont il-Kodiċi ta' Etika tal-Att imsemmi. Fil-fatt, peress li fl-assenza ta' standing orders li jitkellmu fuq dan il-punt, nagħmlu referenza għall-proċedura li tiġi applikata fil-House of Commons, fl-Ingilterra, l-istess Parliamentary Commissioner for Standards, f'dan il-każ il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, jgħid hekk:

> "Although the parliamentary commissioner for standards investigates allegations that MPs have broken the MPs' code of conduct, their remit covers specific bits of the code and does not extend to remarks made within the Commons. This is because speech in the Commons is covered by parliamentary privilege."

Dan qed jingħad għaliex hija s-Sedja li tara jekk fil-fatt kienx il-każ li qed issemmi l-Onor. Julia Farrugia. Jitqajjem il-punt b'mod ċar jekk Membru Parlamentari li mhuwiex Ministru jew Segretarju Parlamentari jew Prim Ministru, jistax jiżgwida lill-Kamra. Ċertament il-Kodiċi ta' Etika applikat għall-Membri Parlamentari mhuwiex identiku għal dak tal-Ministri u għaldaqstant mhu xejn ċar dwar fejn Membru Parlamentari jista' jiżgwida lill-Kamra.

Is-Sedja xorta waħda daħlet fuq il-punt li qajmet l-Onor. Julia Farrugia dwar jekk sarux sottomissjonijiet fil-ħin, u jekk sarux sottomissjonijiet jew le min-naħa tal-Onor. Graziella Galea.

Is-Sedja rat illi l-Onor. Graziella Galea kienet bagħtet lis-Sinjura Gertrude Buttigieg, li hija ċ-Chairperson tal-Malta Council for the Voluntary Sector, rapport dettaljat ta' sitt paġni li l-istess Gertrude Buttigieg f'email li bagħtet fil-15 ta' Mejju 2025, proprju fil-11.38 a.m. lill-Onor. Graziella Galea qaltilha:

> "Onor. Graziella Galea,
>
> Grazzi tad-dokument. Grazzi tas-sapport li dejjem toffri lis-settur. Se nkun qed ngħaddi d-dokument lill-Kunsill biex narawh.
>
> Niltaqgħu nhar is-Sibt li ġej waqt il-konferenza.
>
> Dejjem tiegħek,
> Gertrude Buttigieg."

Is-Sedja għalhekk tinnota li fil-fatt kien hemm sottomissjonijiet mill-Onor. Graziella Galea li ntbagħtu fl-14 ta' Mejju 2025. Is-Sedja rat ukoll l-Istrateġija Nazzjonali tal-Volontarjat 2025-2030 maħruġa mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat permezz tal-entità Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, liema strateġija ġiet ippubblikata fit-28 ta' Marzu 2025 u kienet miftuħa sal-25 ta' April 2025, imbagħad aġġornata l-aħħar fis-26 ta' Ġunju 2025.

Jidher li s-sottomissjonijiet imressqa mill-Onor. Graziella Galea li ntbagħtu dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Volontarjat 2025-2030 daħlu ferm qabel is-26 ta' Ġunju 2025, għalkemm hemm indikat li kienet miftuħa sal-25 ta' April 2025. Ċertament anke li kieku l-Onor. Graziella Galea, bħala Membru Parlamentari u mhux parti mill-Eżekuttiv, wieħed jipprova jara jekk kienx hemm żvijar dwar dak li qalet, isib li ma hemm l-ebda żvijar. Tant hu hekk li d-dokument fil-fatt ġie sottomess u anke ġie mressaq lill-istess Kunsill għad-diskussjoni skont is-Sinjura Gertrude Buttigieg.

Dan mhuwa xejn ħlief każ ta' political bickering u nikkwota lill-Ispeaker tal-House of Commons Lindsay Hoyle, li reċentement qal hekk, u nikkwotah b'mod ċar għall-każ inkwistjoni:

> "… the Speaker cannot be dragged into arguments about whether a statement is accurate or not. This is a matter of political debate."

Ir-ruling huwa deċiż.